MALTA

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' April, 2018

Rikors Maħluf Numru 393/16LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

***vs.***

1. **Emanuel Zammit (K.I. numru 221460M) u**
2. **Rosanne Zammit (K.I. numru 23782G)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Mejju, 2016 mis-soċjetà attriċi **Bank of Valletta p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Johanna Bartolo għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà attriċi, li jgħid kif ġej:

1. *Illi bit-termini u kondizzjonijiet imsemmija fi skrittura privata datata 3 t'April, 2010 (Dok. "A"[1]) is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Emanuel Zammit u Rosanne Zammit.*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Emanuel Zammit u Rosanne Zammit fis-somma ta' ħmistax-il elf u erbgħa u disgħin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€15,094.86) bilanċ għad-debitu fil-"Consumer Loan Account" ta' Emanuel Zammit u Rosanne Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B"[2]), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Novembru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżebita bħala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament billi Emanuel Zammit u Rosanne Zammit*

   *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittua privata;*
   *(b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-iskrittura privata sopraindikata; u/jew*
   *(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Emanuel Zammit u Rosanne Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Emanuel Zammit ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 ta' Marzu, 2014, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżebita u mmarkata Dok. "C" u l-konvenuta Rosanne Cutajar (recte Rosanne Zammit) ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali datata 1 ta' Settembru, 2014, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżebita u mmarkata Dok. "D" sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' it-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob lil din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżebita bħala Dok. "A"),*

[1] *A fol.* 4 sa 9.
[2] *A fol.* 10.

*partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel Zammit u Rosanne Zammit (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittua privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-iskrittura privata sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Emanuel Zammit u Rosanne Zammit li jipperikolaw jew jaffetwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi u*

2. *Tikkundanna lil Emanuel Zammit u Rosanne Zammit iħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjetà attriċi is-somma ta' ħmistax-il elf u erbgħa u disgħin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€15,094.86) bilanċ għad-debitu fil-"Consumer Loan Account" ta' Emanuel Zammit u Rosanne Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datati 12 ta' Marzu 2014 (Dok. "C") u tal-1 ta' Settembru 2014 (Dok. "D") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Emanuel Zammit** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Mejju, 2016, li biha eċċepixxa:

1. *Illl fl-ewwel lok il-proċeduri huma irriti u nulli billi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Jannar, 2016 fl-ismijiet Emanuel Zammit vs. Rosanne Zammit (Rik. Ġur. 144/13 RGM) ġiet pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet u l-likwidazzjoni tal-komunjoni u għalhekk ma setgħetx issir l-odjerna proċedura.*

2. *Illi fit-tieni lok il-proċeduri odjerni ma humiex jieħdu in konsiderazzjoni li fl-istess pronunzjament l-imsemmija Qorti ddeċidiet li l-vetturi Toyota Yaris num. BBU-617 u Peogeot 206 GBG-129 jiġu mibjugħa bis-subbasta u mir-rikavat tagħhom jitħallsu l-Bank of Valletta p.l.c. u Transport Malta u għalhekk l-ammont mitlub għandu jiġi debitament ridott.*

3. *Illi fit-tielet lok l-ammont pretiż jinkludi imgħax fuq l-imgħax u minħabba hekk il-kapital oriġinarjament misluf ġie maqbuż bl-imsemmi mgħax.*
4. *B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra ai termini tal-liġi.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016 fejn dehret il-konvenuta Rosanne Zammit (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li għalkemm kienet debitament notifikata, baqgħet ma ppreżentat ebda Risposta Maħlufa u ġiet meqjusa li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissijonijiet tas-soċjetà konvenuta.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza, bil-partijiet inkluża l-konvenuta kontumaċi ngħataw il-fakultà li jiskambjaw noti ta' sottomissjonijiet fil-mori tad-differiment.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetà attriċi, il-Bank of Valletta p.l.c., qiegħda titlob il-ħlas lura ta' self li kienet tat lill-konvenuti flimkien *in solidum* għal ħames snin ai termini tal-

iskrittura privata tat-3 ta' April, 2010 biex jixtru vettura mingħand Noel Auto Dealer Limited, flimkien mal-imgħax riżultanti u dan minħabba li seħħew ċirkostanzi li skont l-istess skrittura jagħtu d-dritt lis-soċjetà attriċi li tittermina l-imsemmija faċilitajiet bankarji. Is-somma mitluba fir-Rikors Maħluf oriġinarjament kienet ta' €15,094.86 flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Novembru, 2015. Wara nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fis-26 ta' Frar, 2018, din is-somma ġiet ridotta għas-somma ta' €9,686.15, bl-imgħax ulterjuri mid-19 ta' Frar, 2018. Il-konvenuti llum huma legalment separati u filwaqt li l-konvenuta hija kontumaċi fil-proċeduri odjerni, il-konvenut ma kkontestax ir-raġunijiet għaliex is-soċjetà attriċi tterminat il-faċilitajiet bankarji, imma jikkontendi li minħabba s-separazzjoni legali bejn il-konvenuti odjerni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom ippronunzjata mill-Qorti tal-Familja[3], il-proċedura odjerna ma setgħetx issir. Il-konvenut isostni wkoll li bl-istess deċiżjoni, peress li d-dejn mal-bank ġie ddikjarat li kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, kien ġie ordnat il-bejgħ ta' żewġ vetturi u mir-rikavat tagħhom kellhom jitħallsu s-soċjetà attriċi u Transport Malta, tal-aħħar minħabba xi penalitajiet fuq l-istess vetturi u għalhekk il-bilanċ kellu jiġi ridott b'dak l-ammont. Fit-tielet lok il-konvenut jgħid li l-imgħaxijiet li kienet qiegħda titlob is-soċjetà attriċi kienu eċċessivi u irregolari għax illum jaqbżu l-kapital u kien hemm imgħax fuq l-imgħax. Irriżulta wkoll fil-mori tal-proċeduri odjerni li bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 744/2016 li kien ġie ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Maħluf odjern, ġew effettivament issekwestrati flejjes mill-pagi tal-konvenuti, imma ma kienx ġie mitlub li l-flejjes sekwestrati jiġu rilaxxjati favur is-soċjetà attriċi.

[3] **AB *vs.* CD,** 28.01.2016, Rik. Ġur. 144/13RGM.

**Provi u riżultanzi**

**Johanna Bartolo** rappreżentanta tas-soċjetà attriċi, fl-*affidavit* tagħha[4] bażikament tirrepeti l-premessi tar-Rikors Maħluf. Flimkien mar-Rikors Maħluf ġiet esebita kopja tal-iskrittura privata datata 3 ta' April, 2010[5], li permezz tagħha l-konvenuti ngħataw il-faċilitajiet bankarji mertu ta' din il-kawża, u kopja tal-i*statement of account*[6] bil-bilanċ dovut flimkien mal-imgħax sal-10 ta' Mejju, 2016 fis-somma ta' €15,499.54.[7]

Xehdet ukoll **Marisa Debono**, *Relationship Manager* fir-*Recoveries Department* tas-soċjetà attriċi[8] li spjegat li l-kontijiet tal-konvenuti kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha għalkemm hi qatt ma ltaqgħet magħhom personalment, u li l-bank kien ilu jsus warajhom biex iħallsu. L-aħħar pagament li l-konvenuti għamlu kien f'Settembru 2010 fis-somma ta' €233.94 kif jirriżulta mill-imsemmi *statement.* Ix-xhud spjegat li dan l-*istatement* hu wieħed ta' *simple interest* u mhux bl-imgħax fuq l-imgħax. Ix-xhud tispjega li skont l-istess ftehim l-imgħax kien ta' 5.7% diment li l-konvenuti kienu qed iħallsu lura s-self regolarment, però meta bdew jaqgħu lura fil-pagamenti minkejja l-interpellazzjonijiet tal-bank, il-bank bagħtilhom ittra[9] fejn impona rata ogħla ta' imgħax ta' 8.7% fis-sena u talabhom biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom sat-18 ta' Awwissu, 2011. Fil-5 ta' Marzu, 2012 meta sar il-*call-in* mill-bank, l-imgħax tniżżel għal 8%. Ix-xhud tispjega li l-bank jiddeċiedi hu x'għandha tkun ir-rata tal-imgħax meta ma jkunux qegħdin jiġu rispettati l-

---

[4] *A fol.* 27 u 28.

[5] *A fol.* 4 sa 9.

[6] *A fol.* 10.

[7] Dan l-*istatement* kien effettivament aġġornat bix-xhieda ta' rappreżentanta oħra tas-soċjetà attriċi, Marisa Debono li ppreżentat *statement* ieħor bl-imgħax sal-5 ta' Diċembru, 2016 għas-somma totali ta' €6,863.84, liema *statement* jinsab esebit *a fol.* 56.

[8] *A fol.* 49 sa 52 u 54.

[9] *A fol.* 57 datata 4 ta' Awwissu 2011 u mibgħuta lill-konvenut.

kundizzjonijiet tal-ftehim tas-self u l-Bank Ċentrali ta' Malta f'dak il-perijodu ma kienx impona limitu fuq il-banek. Marisa Debono tispjega li fis-*sanction letter* iffirmata mill-konvenuti[10] ġie stipulat li *"interest at the rate of 3.25% per annum over the Bank's base rate which is presently 2.45% per annum, shall be due on daily debit balances in accordance with recognized banking practice. ..."* u l-imsemmi ftehim ikompli jgħid li fil-preżent l-imgħax kien ta' 5.7%. Ix-xhud tgħid li dan ifisser li jista' jkun hemm *fluctuation* fuq il-*base rate* tal-Bank Ċentrali.

In kontroeżami[11] Marisa Debono tikkonferma li l-konvenuti ma tawx il-kunsens tagħhom għaż-żieda fir-rata tal-imgħax, iżda kienet deċiżjoni tal-bank li jgħolli r-rata tal-imgħax għal 8.7% minħabba li l-kont kien ilu *in default* mid-9 ta' Settembru, 2010. L-imgħax kien bir-rata ta' 8.7% mill-4 ta' Awwissu, 2011 sal-5 ta' Marzu, 2012. Debono qalet li d-dipartiment tagħha huwa responsabbli wkoll għall-mandati ta' sekwestru u tgħid li kien inħareġ mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti li kien għadu fis-seħħ, però ma kinitx taf jekk effettivament ġewx depożitati xi flus il-Qorti.

Xehdet ukoll **l-avukat Pauline Lanzon**, rappreżentanta tal-Bank Ċentrali ta' Malta[12], li kkonfermat li l-*base rate* hija stabbilita mill-banek kummerċjali. Ix-xhud tgħid li għal self relatat ma' proprjetà immobbli, il-banek kummerċjali għandhom *mortgage base rate* u *base rate* oħra għal self ieħor. Il-Bank Ċentrali jimmoniterja dawn ir-rati biex jirrapporta lil Bank Ċentrali Ewropew permezz tad-dipartiment tagħhom li jismu *Monetary Operations and Collateral Management Office* (MCOCMO) li jikkomunika mat-*Treasury*

---

[10] *A fol.* 4 sa 7.
[11] *A fol.* 52 sa 54.
[12] *A fol.* 61 sa 63.

*Departments* tal-banek kummerċjali inkluż dak tas-soċjetà attriċi. Skont il-moniteraġġ tagħhom il-*base rate* normali tas-soċjetà attriċi bejn 1 ta' April, 2010 sas-6 ta' Marzu, 2012 kienet ta' 2.45%[13], filwaqt li l-*mortgage base rate* fl-istess perijodu kienet ta' 2.15%.

Xehed ukoll **Espedito Grech**[14], rappreżentant tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (OPM), li qal li l-konvenut kien impjegat mal-*Education Division* filwaqt li l-konvenuta kienet impjegata mal-MFIN Economic Policy, u l-pagi tagħhom jitħallsu mill-OPM u mhux mit-Teżor. Ix-xhud spjega li fis-sena 2015 lill-konvenut ma nżammlu xejn mill-paga u fis-sena 2016 inżammitlu s-somma ta' €2,244.91 u fis-sena 2017 inżammitlu is-somma ta' €5,053.90. Fil-każ tal-konvenuta fl-2016 inżammitilha s-somma ta' €5,284.49, fl-2017 inżammitilha is-somma ta' €5,424.44 u fl-2015[15] inżammitilha s-somma ta' €3,435.83 mill-paga tagħha.[16] Ix-xhud jgħid ukoll li ma jafx imbagħad fejn il-flus miżmuma bil-mandat ta' sekwestru jiġu depożitati.

Il-konvenut esebixxa b'nota seba' ċedoli ta' depożitu kollha fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 744/16. L-ewwel ċedola hija tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol datata 25.09.2017 fejn mill-paga tal-konvenut ġiet depożitata s-somma ta' €2,471.26[17]; ħames ċedoli tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Politika dwar l-Ekonomija datati rispettivament 25.08.2017, 12,07.2017, 19.05.2017, 04.04.2017 u 03.03.2017, fejn mill-paga tal-konvenuta[18] ġew depożitati rispettivament l-ammonti ta'

13 *A fol.* 64 ir-rati kkomunikati lill-Bank Ċentrali mill-banek kummerċjali, senjatament mill-BOV.
14 *A fol.* 80 sa 81 u 133 u 134, b'kontroeżami *a fol.* 81.
15 Qabel ma ġie ppreżentat il-mandat ta' sekwestru 744/16 mis-soċjetà attriċi.
16 Ara dokumenti *a fol.* 83 sa 86 u 135 u 136. Ix-xhud jispjega li fejn f'dawn id-dokumenti hemm indikat '*alimony*', dan ifisser l-ammonti li nżammu bis-sekwestru.
17 *A fol.* 122 sa 128.
18 *A fol.* 123, 124, 125, 126 u 128 rispettivament.

€782.61, €959.04, €834.23, €744.28 u €327.15; u l-aħħar ċedola tal-HSBC Bank Malta p.l.c. datata 30.06.2016 fejn mill-kont tal-konvenut ġiet depożitata s-somma ta' €847.52. Dawn is-sebgħa ċedoli saru b'mod li l-ammonti depożitati setgħu jiġu żbankati minn min għandu dritt għalihom skont il-liġi. L-ammonti depożitati bl-imsemmiija seba' ċedoli jammontaw għas-somma komplessiva ta' €6,966.09.

Xehdet ukoll **Allison Mifsud Brimmer**[19] rappreżentanta ta' HSBC Bank Malta p.l.c., li esebit *statements* tal-kontijiet bankarji tal-konvenuti. Il-konvenut kellu tliet kontijiet*,* l-ewwel kont kien *savings,* it-tieni kont kien *loan account* u l-aħħar wieħed Visa account[20], fejn l-konvenut kellu kreditu fl-ewwel kont ta' €1,979.37, fit-tieni kont kellu debitu ta' €502.90 u fil-Visa account kellu kreditu ta' €3.76. Min-naħa tagħha l-konvenuta kellha żewġ kontijiet kurrenti, kont *savings* u Visa account[21], fejn kellha bilanċi insinifikanti ta' €15.80, €0.30, €0.02 u €0.00 rispettivament.

In vista tal-pagamenti akkont li saru mill-konvenuti, is-soċjetà attriċi rriduċiet permezz ta' nota ta' riduzzjoni ppreżentata fis-26 ta' Frar, 2018 is-somma mitluba minnha f'din il-kawża għal €9,686.15, oltre l-imgħaxijiet legali mid-19 ta' Frar, 2018.

[19] Xhieda *a fol.* 87 u 88.
[20] *A fol.* 89 sa 104, 105 u 106 rispettivament.
[21] *A fol.* 107 sa 110, 111 sa 114. 115 sa 118 u 119 rispettivament.

## **Konsiderazzjonijiet legali**

Tqis fl-ewwel lok li għalkemm il-konvenuta hija kontumaċi, dan ma jfissirx li din hi xi ammissjoni awtomatika għat-talbiet tas-soċjetà attriċi u li hija qiegħda taqbel mal-imsemmija talbiet.

Illi l-istitut tal-kontumacja jew kontumelja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni:

> "Jinsab deċiż ukoll illi "biex tissussisti l-kontumaċja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-att trid tiġi konfermata b'assenza wkoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma" – **Benny Zaffarese *nomine vs.* Maximillian Castagna *nomine***, Appell, 30 ta' Gunju, 1997; **Costantino Abela *vs*. George Azzopardi**, Appell, 28 ta' Mejju, 1990. Minn dan jitnissel illi l-kontumaċja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza;
>
> Dan iwassal ghal din ir-riflessjoni l-oħra. "Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda, imma, invece, għas-supposizzjoni ta' remissjoni għall-ġustizzja tat-tribunal" (**Kollez. Vol. XLIII, Pt. I, pġ. 545**). Fi kliem ieħor, l-invokazzjoni tal-principju "*pro contumacies omnia jura clamant*" (Ara **Kollez. Vol. XXI, Pt. II, pġ. 234**);
>
> Minn dan isegwi illi "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut" – **Giuseppe Wismayer *vs.* Giovanni Magro**, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 (**Kollez. Vol. XXIX, Pt. III, pġ. 35**). *Una volta* li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom" – **Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi v*s.* Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996."[22]

[22] Appell Ċivili (Għawdex), **SMS Insurance Agency Limited *vs.* Irving & Co. Ltd.,** 07.07.2005.

Illi ġie ritenut ukoll li:

> "Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni" u "skont kif dejjem ġie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti"[23].

Għalhekk din il-Qorti ser teżamina bir-reqqa l-provi prodotti u ser tikkunsidra jekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi humiex fondati jew le, kemm fil-konfront tal-konvenut u kemm fil-konfront tal-konvenuta kontumaċi.

Mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma jidhirx li dan qiegħed jikkontesta b'xi mod id-dritt tas-soċjetà attriċi li titlob il-ħlas lura tas-self mogħti lill-konvenuti peress li l-konvenuti waqgħu lura fil-pagamenti u/jew kienu inadempjenti fl-obbligi assunti minnhom fl-iskrittura privata tat-3 ta' April, 2010 u/jew kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffetwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi. Imma l-konvenut qed jikkontesta t-talbiet attriċi meta jgħid li l-proċeduri odjerni huma irriti u nulli billi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Jannar, 2016 permezz tas-sentenza fl-ismijiet Emanuel Zammit *vs.* Rosanne Zammit (Rik. Ġur. 144/13 RGM) ġiet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konvenuti odjerni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni li kellhom bejniethom u għalhekk ma setgħetx issir l-odjerna proċedura. Huwa minnu li bis-sentenza tat-28 ta' Jannar, 2016 ġiet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, iżda l-proċeduri odjerni mhumiex qed isiru fil-konfront tal-konvenut minħabba xi dejn ta' martu fejn il-konvenut ġie ċċitat f'dawn il-proċeduri minħabba l-komunjoni tal-akkwisti. Il-proċeduri odjerni qed isiru abbażi tal-iskrittura

[23] **Ruth Apap *vs.* Noel Apap**, P.A., 30.06.1995.

privata tat-3 ta' April, 2010 fejn kemm-il konvenut u kemm-il konvenuta aċċettaw u assumew l-obbligi tagħhom *in solidum* ai termini tal-imsemmi skrittura privata u għalhekk *pacta sunt servanda.* Dak li ġie deċiż fil-kawża tas-separazzjoni personali tal-konvenuti odjerni, huwa *res inter alios acta* għall-kredituri tagħhom. Id-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bl-ebda mod ma affettwat id-drittijiet ta' terzi persuni kredituri tal-konvenuti. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grima *et vs.* Pierre Buontempo *et***[24]:

> "Fir-rigward ta' XXXX, dak li ftiehmu fuqu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali huwa *res inter alios acta* għall-kredituri, u bħala parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti allura eżistenti bejnha u żewġha, hi kompartecipi fl-obbligi li assuma żewġha fil-kors tan-negozju tiegħu (ara artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili)".

Fil-kawża odjern, il-bażi tal-azzjoni attriċi huwa l-kuntratt ta' self iffirmat miż-żewġ konvenuti flimkien mas-soċjetà attriċi, u dak li ġie deċiż fil-kawża ta' separazzjoni personali bejniethom huwa *res inter alios acta* għas-soċjetà attriċi kreditriċi u għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi miċħuda.

Illi kwantu għall-eċċezzjoni tal-konvenut li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi jinkludi mgħax fuq l-imgħax u li minħabba f'hekk l-kapital oriġinalment misluf ġie irduppjat bl-imsemmi imgħax, tqis fl-ewwel lok illi l-faċilitajiet bankarji mogħtija lill-konvenuti mis-soċjetà attriċi kienu *consumer loan* ordinarja, u m'hemmx kwistjoni dwar imgħax kompost. Fil-fatt l-i*statements* esebiti mis-soċjetà attriċi flimkien mar-Rikors Maħluf u aġġornati sussegwentement mix-

[24] 19.05.2014.

xhud Marisa Debono, jindikaw espressament li l-imgħax kien *"simple interest"* li kien jitla' u jinżel. Skont l-imsemmija skrittura privata tat-03.04.2010, is-soċjetà attriċi kellha d-dritt li tvarja r-rata tal-imgħax għad-diskrezzjoni tagħha meta l-klijent tal-bank ma jkunx qed jimxi skont it-termini u l-kundizzjonijet tal-ftehim.

Il-konvenut bid-domandi li għamel dwar ir-rati tal-imgħax, partikolarment għall-perijodu fejn l-bank għolla r-rata tal-imgħax għal 8.7%, jagħti x'jifhem li r-rata tal-imgħax kienet eċċessiva f'xi perijodu u għaldaqstant illegali. L-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li l-imgħax ma jistax jaqbeż it-8% fis-sena, u għalhekk jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, l-imgħax żejjed li jkun tħallas jinqata' mill-kapital a tenur tal-artikolu 1852(3) tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1852 tal-Kap. 16 jgħid kif ġej:

> "(1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.
>
> (2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.
>
> (3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti lliġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital."

Iżda b'eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali stabbilit bl-imsemmi artikolu, l-artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi li:

> "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi dispożizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħalma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk

ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas."

Anki l-Avviż Legali 142 tal-2009 dwar l-Eżenzjoni mir-Rati ta' Mgħax jistabbilixxa eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali li joħroġ mill-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili.

Din il-Qorti kif preseduta kellha reċentement l-okkażjoni li tidħol fil-fond tal-kwistjoni tal-ogħla rata ta' imgħax permessa mil-liġi fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. *vs.* Anthony Aquilina *et***[25]*,* fejn intqal is-segwenti:

"Illi l-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenuti hija li l-Bank attur impona imgħax eċċessiv bi ksur tal-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula li l-imgħax ma jistax jaqbeż it-8% fis-sena, u għalhekk jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, ż-żejjed jinqata' mill-kapital a tenur tal-artikolu 1852(3) tal-Kodiċi Ċivili.

*Omissis...*

Illi huwa minnu li l-istanzi msemmija fir-regolamenti ċċitati mill-konvenuti ma japplikawx għal self minn bank lokali bħal dak mertu ta' din il-kawża. Il-Bank attur jgħid iżda li fiż-żmien rilevanti kien hemm dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi li jawtorizzawh jimponi rata ta' imgħax ogħla minn tmienja fil-mija fis-sena, u ċjoè l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, li kien ġie mħassar fl-2013 bis-saħħa tal-Att XIII tal-2013, li kien jaqra hekk:

"Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' imgħax li titħallas fuq depoziti miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' imgħax li huma jistgħu jżommu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu oħra kif ukoll il-ħruġ ta' *debentures* jew *debenture stocks* jew strumenti oħra li joħolqu jew li jirrikonoxxu debitu".

[25] 27.10.2017.

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-konvenuti rribattew li dan l-artikolu ma jawtorizzax l-impożizzjoni ta' rati ta' imgħax ogħla mill-massimu permess mill-artikolu 1582 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu għandu jiġi rilevat illi l-leġiżlatur neħħa kull dubju li seta' jqum fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi, billi pprovda espressament li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu kienu japplikaw minkejja kull projbizzjoni li seta' jkun hemm fi kwalunkwe liġi oħra, inkluż allura l-artikolu 1582 tal-Kap. 16.

Tqis illi l-liġi hija ċara u m'għandha bżonn tal-ebda interpretazzjoni. Wara kollox huwa evidenti l-iskop tal-leġiżlatur x'kien, li permezz tal-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jeħles il-kummerċ bankarju mill-irbit restrittiv tal-Kodiċi Ċivili u dan fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiż billi jpoġġi lill-istituzzjonijiet finanzjarji Maltin fl-istess pożizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji barranin f'dinja globalizzata. Din il-Qorti kif diversament preseduta fi żmien meta kien fis-seħħ l-imsemmi artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, kienet ikkonfermat f'iktar minn okkażjoni waħda li:

"Inoltre, l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jippermetti biss imgħax ogħla mit-8%, iżda ma jippermettix kalkolu ta' imgħax differenti minn dak kontemplat fil-Kodiċi Ċivili".[26]

"Rigward l-ewwel kontestazzjoni tal-intimat li l-imghax impost ta' 8.5% hu kontra l-liġi, jirriżulta invece li skont l-artikolu 1852(4) tal-Kap. 16 b'riferenza għall-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204) il-bank seta' jiċċargja imgħax ogħla mir-rata ta' 8%."[27]

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-konvenuti qanqlu l-kwistjoni jekk il-Bank attur huwiex istituzzjoni ta' kreditu jew huwiex bank liċenzjat mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Din mhi xejn għajr eċċezzjoni li ġiet imqanqla għall-ewwel darba waqt it-trattazzjoni tal-kawża u mhijiex permissibbli f'dan l-istadju tal-kawża.[28] Dan apparti li l-Bank attur huwa istituzzjoni ewlenija f'Malta u jista' jitqies li l-liċenzja tiegħu mal-Awtorità imsemmija hija fatt notorju ossia fid-dominju pubbliku li m'għandux bżonn li jiġi ppruvat: *"The court will take judicial notice of facts which are notorious"*.[29]

[26] **Bank of Valletta p.l.c.** ***vs.*** **Charles Musca**t P.A. (TM) 06.05.2004.
[27] **APS Bank Limited** ***vs.*** **Joseph Agius** P.A. (GV) 30.01.2008.
[28] Ara fost l-oħrajn is-sentenza fl-ismijiet **The Cargo Handling Co Ltd.** ***vs.*** **Messrs John Abela Limited**, 07.07.2003; **Joseph Muscat** ***vs.*** **Josephine Camilleri,** 15.07.2009; u **Joseph Mifsud** ***vs.*** **Paul Cutajar**, 13.06.2008, kollha tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri)(PS).
[29] *Phipson on Evidence, Eighteenth Edition*, 2013 para. 3-17.

Din il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut stante li ma kien hemm xejn illegali da parti tas-soċjetà attriċi meta għolliet ir-rata tal-imgħax għal 8.7%.

Tqis illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jeċċepixxi li l-proċeduri odjerni mhumiex jieħdu in konsiderazzjoni li fl-istess pronunzjament l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet li l-vetturi Toyota Yaris numru BBU-617 u Peugeot 206 numru GBG-129 jiġu mibjugħa bis-subbasta u mir-rikavat tagħhom jitħallsu l-Bank of Valletta p.l.c. u Transport Malta u għalhekk l-ammont mitlub għandu jiġi debitament ridott. Illi kif diġà ngħad fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, l-imsemmija sentenza hi *res inter alios acta* fil-konfront tas-soċjetà attriċi u għad li hija tissemma speċifikament f'dik is-sentenza, dik is-sentenza taffettwa biss lill-partijiet f'dik il-kawża u ma taffettwax lil terzi persuni li ma kinux parti f'dawk il-proċeduri. Difatti wara l-bejgħ b'subbasta ta' dawk l-imsemmija vetturi, kien l-obbligu tal-konvenuti li mir-rikavat iħallsu lis-soċjetà attriċi, xi ħaġa li l-konvenuti naqsu milli jagħmlu.

Illi jirriżulta mill-Atti tal-kawża li fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġew ippreżentati ċedoli ta' depożitu fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 744/16 maħruġ mis-soċjetà attriċi.[30] Però dawn l-ammonti depożitati setgħu jiġu żbankati biss bil-kunsens ta' jew bin-nuqqas ta' opposizzjoni tal-konvenuti waqt li jkunu għaddejjin il-proċeduri odjerni. Mill-atti tal-kawża jirriżulta wkoll li s-soċjetà attriċi rriduċiet is-somma pretiża għal €9,686.15 flimkien mal-imgħax legali dovuti mid-19 ta' Frar, 2018, il-korrettezza ta' liema riduzzjoni ma ġietx ikkontestata mill-konvenuti.

[30] Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru 744/16.

Tqis illi mill-provi prodotti ġie ampjament ippruvat li s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi kif ridotta hija dovuta mill-konvenuti *in solidum* u peress li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut qegħdin jiġu kollha miċħuda għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, it-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq esposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut bħala mhux mistħoqqa;**

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata (Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Emanuel Zammit u Rosanne Zammit (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata tat-03.04.2010; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-iskrittura privata sopraindikata; u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-konvenuti Emanuel Zammit u Rosanne Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u**

3. **Tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disat elef, sitt mija u sitta u tmenin Euro u**

**ħmistax-il ċenteżmu (€9,686.15) flimkien mal-imgħax legali mid-19 ta' Frar, 2018 sal-jum tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll tal-ittri uffiċjali datati t-12 ta' Marzu, 2014 u l-1 ta' Settembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru 744/16, kontra l-konvenuti *in solidum.***

Moqrija.